

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 7.3.2008
KUMM(2008) 131 finali

2004/0251 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW**

skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 251(2) tat-Trattat tal-KE

dwar

**il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u
tal-Kunsill dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali**

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW**

skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 251(2) tat-Trattat tal-KE

dwar

il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali

1. IL-KUNTEST

Id-data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-PE u lill-Kunsill 22.10.2004
(dokument COM(2004)718 finali – 2004/0251 (COD):

Id-data ta' l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: 9.6.2005

Id-data ta' l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari: 29.3.2007

Id-data ta' l-adozzjoni tal-pożizzjoni komuni: 28.2.2008

2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Fit-22 ta' Ottubru, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali. L-iskop tad-Direttiva proposta hu li jkun iffaċilitat l-aċċess għal soluzzjoni ta' tilwim u biex tippromwovi li jkunu solvuti t-tilwimet b'mod paċifiku billi tinkoraġġixxi l-użu tal-medjazzjoni u billi tiżgura relazzjoni soda bejn il-proċeduri ta' medjazzjoni u għidizzjarji. Il-proposta tikkostitwixxi waħda mill-azzjonijiet ta' segwitu għall-Green Paper dwar soluzzjoni alternattiva għat-tilwim ippreżentata mill-Kummissjoni fl-2002, bil-proposta l-oħra tkun il-Kodiċi Ewropea dwar il-Kondotta għall-Medjaturi, stabbilita minn grupp ta' persuni interessati bl-assistenza tal-Kummissjoni u li tnediet f'Lulju ta' l-2004.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI KOMUNI

Il-proposta tal-Kummissjoni kopriet l-użu tal-medjazzjoni kemm f'tilwimiet traskonfinali kif ukoll interni minħabba li kkunsidrat li la jkun possibbli u lanqas mixtieq li tippromwovi l-medjazzjoni biss f'rabta ma' tilwimiet li jkun fihom element traskonfinali.

Madanakollu, it-test tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill hu riżultat tan-negozjati bejn it-tliet istituzzjonijiet u kien hemm is-sostenn tal-maġġoranza kemm tal-Kunsill u kemm tal-Parlament Ewropew biex ikun limitat l-ambitu tad-Direttiva għall-każi traskonfinali minħabba interpretazzjoni ristrettiva ta' l-Artikolu 65 tat-Trattat tal-KE. Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi u fi spirtu ta' compromess, il-Kummissjoni taċċetta d-definizzjoni ta' l-ambitu tad-Direttiva kif ippreżentata fil-pożizzjoni komuni sakemm id-definizzjoni tal-każi traskonfinali tkun wiesgħa kemm jista' tkun. Il-Kummissjoni tikkonsidra li l-pożizzjoni komuni tkabbar id-definizzjoni tal-każi traskonfinali fir-rigward taż-żewġ Artikoli importanti tad-Direttiva,

jiġifieri l-Artikolu 7 (il-kunfidenzjalità) u l-Artikolu 8 (il-limitazzjoni u l-perjodi ta' preskrizzjoni).

Għad-dispożizzjonijiet dwar il-limitazzjoni u l-perjodi ta' preskrizzjoni fl-Artikolu 8, il-pożizzjoni komuni ma tarmonizzax ir-regoli nazzjonali dwar il-limitazzjoni u l-perjodi ta' preskrizzjoni iżda tobbliga lill-Istati Membri biex ma jħallux lill-partijiet milli jmorru l-qorti jew għall-arbitraġġ jekk ifallu t-tentattivi għall-medjazzjoni. Premessa tiċċara li dan ir-riżultat irid jinkiseb minkejja d-differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Għalhekk il-pożizzjoni komuni tilħaq l-istess għanijiet tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni.

Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill hi differenti mill-opinjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari b'mod partikolari fir-rigward tal-proposti segwenti għal emendi.

Il-pożizzjoni komuni ma tippermettix l-implimentazzjoni tad-Direttiva permezz ta' ftehimiet volontarji bejn il-partijiet. Il-Kummissjoni taqbel bis-sħiħ ma' dan, peress li d-Direttiva taffettwa r-regoli dwar il-proċedimenti ġudizzjarji fl-Istati Membri li mhux dejjem jistgħu jiġu modifikati bi ftehimiet bejn il-partijiet.

L-obbligu biex ikunu ppubblikati l-Kodiċi Ewropej dwar il-Kondotta għall-Medjaturi fil-Ġurnal Uffiċjali, li ma tħallix isir minħabba l-fatt li l-Kodiċi dwar il-Kondotta mhux att ta' l-istituzzjonijiet, kien sostitwit minn obbligu biex ikun ippubblikat il-Kodiċi dwar il-Kondotta ta' l-Internett. Minbarra dan, il-Kummissjoni hi kommessa li tinkludi referenza għall-Kodiċi ta' Kondotta fil-Bullettin ta' l-UE meta tkun ser tagħti l-informazzjoni dwar l-adozzjoni tad-Direttiva. Dawn l-obbligi huma aċċettabbli għall-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-klawżola dwar ir-reviżjoni fl-Artikolu 11, il-pożizzjoni komuni titlob li r-rapport tal-Kummissjoni jikkonsidra l-iżvilupp dwar il-medjazzjoni fl-Unjoni Ewropea, li jkun aċċettabbli għall-Kummissjoni.

Fuq kollox, il-Kummissjoni tista' taċċetta l-pożizzjoni komuni li, għalkemm timmodifika wħud mill-fatturi tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni, tibqa' leali lejn l-għanijiet li jiffaċilitaw l-aċċess għas-soluzzjoni tat-tilwimiet u li tippromwovi li jkunu solvuti t-tilwimiet b'mod paċifiku billi tinkoraġġixxi l-użu tal-medjazzjoni u billi tiżgura relazzjoni soda bejn il-proċeduri għall-medjazzjoni u ġudizzjarji.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni komuni fid-dawl tal-fatt li din tinkludi l-elementi prinċipali tal-proposta inizjali tagħha.